



Brussell, 1 ta' Lulju 2025  
(OR. en)

10214/25

LIMITE

CCG 23

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0126(NLE)

---

---

#### ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieġed f'isem l-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Parteċipanti fl-Arranġament dwar il-Kreditu għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati dwar id-dispożizzjonijiet dwar ir-rati tal-imgħax

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...**

**ta' ...**

**dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea  
fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Parteċipanti fl-Arranġament  
dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati  
dwar id-dispożizzjonijiet dwar ir-rati tal-imgħax**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-linji gwida li jinsabu fl-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati (l-"Arranġament"), żviluppati fil-qafas tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), ġew trasposti, u b'hekk magħmula legalment vinkolanti fl-Unjoni bis-saħħa tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>.
- (2) F'konformità mal-Anness XII tal-Arranġament, Rata ta' Referenza tal-Imgħax Kummerċjali ("CIRR") hija stabbilita għall-munita ta' kull Parteċipant fl-Arranġament. CIRR, li hija rata tal-imgħax minima fissa li tista' tiġi offruta bħala parti minn kuntratt ta' finanzjament tal-esportazzjoni appoġġat mill-gvern, hija magħmula minn rata bażi u marġini.
- (3) Il-Parteċipanti fl-Arranġament (il-"Parteċipanti") użaw il-London InterBank Offered Rate ("LIBOR") bħala l-parametru referenzjarju biex jiġi kkalkolat il-marġini tas-CIRR. Wara li l-LIBOR ma tkompletax fl-2021, il-Parteċipanti qablu dwar soluzzjonijiet temporanji għall-istabbiliment tal-marġini tas-CIRR.
- (4) Il-Parteċipanti għandhom jaqblu bi proċedura bil-miktub dwar emendi għad-dispożizzjonijiet tal-Arranġament dwar l-istabbiliment tal-marġini tas-CIRR.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1233/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti linji gwida fil-qasam tal-krediti ta' esportazzjoni uffiċjalment appoġġati u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2001/76/KE u 2001/77/KE (ĠU L 326, 8.12.2011, p. 45, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/1233/oj>).

- (5) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-proċedura bil-miktub tal-Parteċipanti, peress li d-deċiżjoni tal-Parteċipanti ser tkun vinkolanti fuq l-Unjoni u tista' tinfluwenza b'mod determinanti l-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, bis-saħħa tal-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-proċedura bil-miktub tal-Parteċipanti fl-Arranġament dwar il-Kreditu għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar emendi għad-dispożizzjonijiet dwar ir-rati tal-imgħax ta' dak l-Arranġament għandha tkun li tappoġġa deċiżjoni abbażi tal-abbozz tat-test meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---